Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,491, 9 ta' Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 261 ta' l-2009

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

SKONT id-dispożizzjonijiet tar-regolament 24 u tal-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Avviż Legali 79 tal-2006) u wara li hu sodisfatt illi m'hemmx xi soluzzjoni oħra sodisfaċenti, il-Prim Ministru qiegħed b'dan jawtorizza t-tnaqqis tan-numru tal-għasafar tal-ispeċi *Sturnus vulgaris*, fil-perimetru taż-żona indikata fil-partita (9) tal-Iskeda V tal-imsemmija Regolamenti għall-perjodu mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni sal-25 ta' April 2010 (iż-żewġ dati inklużi), fl-interess tas-sigurtà tal-ajru u taħt dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur.